MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 115/2013/1

**Avukat Kenneth Grima bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Eurocopter SAS socjeta` registrata Franza**

**v.**

**Direttur tal-Kuntratti**

Rat li dan huwa appell imressaq fil-25 ta' April, 2013, mill-Avukat Dottor Kenneth Grima nomine wara decizjoni datata d-29 ta' Jannar, 2013, moghtija mill-Bord ta' Revizjoni Dwar Kuntratti Pubblici (minn hawn 'l quddiem, imsejjah il-"Bord") fil-kaz referenza CT/3026/2012.

Illi dan il-kaz huwa marbut ma' sejha ghall-offerti li hareg il-Gvern ghax-xiri ta' helicopter ghall-Forzi Armati ta' Malta. Is-socjeta` appellanti tefghet offerta, izda giet skwalifikata peress illi kien jirrizulta li l-offerta li saret ma kenitx konformi mar-rekwiziti tas-sejha. Wara li giet skwalifikata, is-socjeta` appellanti ressqet zewg "*letters of concern*", li wahda giet michuda fil-11 ta' Frar, 2013, u ohra fil-11 ta' April, 2013. Wara din l-ahhar decizjoni, is-socjeta` appellanti ressqet dan l-appell, li bih qed tittanta timpunja z-zewg decizjonijiet tal-11 ta' Frar, u tal-11 ta' April, 2013.

Bhala risposta ghall-appell, tressqu diversi pregudizzjali ta' natura procedurali, u anke risposta ghal-lanjanza fil-mertu. L-ewwel ilment sollevat mid-direttur appellat jolqot l-interess guridiku tas-socjeta` attrici li tressaq dan l-appell la darba d-decizjoni ta' skwalifika fil-konfront tas-socjeta` attrici ma gietx appellata u hi issa definittiva. Din il-Qorti tara li ghandha, fl-ewwel lok, tiddeciedi din il-pregudizzjali ghax l-akkoljiment taghha jkun fatali ghall-interess tas-socjeta` appellanti f'dawn il-proceduri.

Ghal dan il-ghan, din il-Qorti sejra taghmel riassunt tal-fatti li sehhew u li wasslu ghal dan l-appell. Kif inghad, il-kaz jikkoncerna sejha ghall-offerti ghal xiri ta' helicopter mahrug mid-Dipartiment tal-Kuntratti f'isem il-Forzi Armati ta' Malta nhar l-4 ta' Settembru, 2012.

Mit-*tender document* kien jirrizulta car illi l-prezentata u l-aggudikazzjoni tal-offerti kienu regolati bil-procedura tat-"tliet pakketti", fejn l-ewwel pakkett ikun fih il-*bid bond*, it-tieni pakkett ikun fih l-offerta teknika waqt li t-tielet pakkett ikun fih l-offerta finanzjarja. Timxi ghall-istadju ta' wara skont jekk ikunx sodisfatt l-istadju ta' qabel;

Barra minn hekk nhar it-18 ta' Settembru 2012 kienet saret laqgha mal-offerenti prospettivi fejn kien gie ben precizat kull stadju tal-process, specifikament dwar il-kontenut illi ghandu jkun fih kull wiehed minn dawn il-pakketti;

Bhala parti minn din il-procedura tat-tlett pakketti kien essenzjali li l-offerenti ma jikxfux il-prezz tal-offerta taghhom hlief fit-tielet pakkett li jigbor fih l-offerta finanzjarja;

Min ma jharisx din il-procedura skont il-klawzola 16 tad-dokument tas-sejha ghall-offerti li hi bbazata fuq ir-regolament 83 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, kien ikollu l-offerta tieghu mwarrba u skwalifikata;

Lura ghall-kronaka tal-fatti, jirrizulta li tnejn kienu l-offerenti li hadu sehem f'din is-sejha li kienu s-socjeta` estera appellanti, *ossia* Eurocopter SAS u s-socjeta` estera Agusta Westland Spa;

Gara illi permezz ta' ittra tal-21 ta' Dicembru 2012, il-Kumitat Generali tal-Kuntratti, fuq rakkomandazzjoni gejja mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, kien kiteb lis-socjeta` appellanti u gharrafha li kienet twarrbet l-offerta taghha ghaliex instab illi fit-tieni pakkett kien hemm *compact disc* bl-offerta finanzjarja. Kif fuq spjegat il-prezz tal-offerta taghha ma kellux ikun fit-tieni pakkett izda fit-tielet pakkett. Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti tqieset bhala *administratively non compliant* mal-kondizzjonijiet tas-sejha ghall-offerti, '*for including a CD (compact disc) containing the financial offer*';

Is-socjeta` appellanti ilmentat mid-decizjoni dwar it-twarrib tal-offerta taghha quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici u talbet sabiex l-offerta taghha tkun accettata, u biex b'hekk tigi revokata d-decizjoni fejn l-offerta taghha kienet dikjarata bhala *administratively non-compliant*. Fid-29 ta' Jannar 2013, il-Bord ta' Revizjoni cahad l-ilment imressaq mis-socjeta` appellanti u b'hekk ikkonferma l-iskwalifika tal-offerta taghha. Il-Bord cahad l-ilment wara li qies li huwa kien, "*satisfied that the evaluation board followed the right procedure where in package 1 containing the bid bond was first analysed and this was followed by an analysis of package 2 which contained the technical offer. Needless to say the evaluation board was correct in disqualifying the appellant company at the stage where in package 2 was analysed*

*in in view of a non observance of a mandatory condition*". Kien ipprecizat illi, "*any indication of the financial offer in packages 1 and 2 led to disqualification*". U kompla illi, "*appellant provided a fourth envelope where it included the financial bid with the other two packages and that led to the company's disqualification*";

Ghar-ragunijiet taghha s-socjeta` appellanti ma kinitx appellat minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell kif kellha jedd illi taghmel skont ir-regolamenti dwar il-kuntratti pubblici, b'dana li l-kapitlu marbut mal-iskwalifika tal-offerta taghha ghadda in gudikat;

Minkejja din l-ghazla taghha li ma tappellax quddiem il-Qorti tal-Appell, is-socjeta` appellanti iddecidiet li fis-6 ta' Frar 2013 tibghat ittra ta' thassib skont l-Artikolu 85 (1)(a) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u dan fuq l-allegazzjoni li kien hemm bdil arbitrarju fl-ispecifikazzjonijiet tas-sejha ghall-offerti fejn jolqtu l-*maximum take-off weight*, li minhabba dan il-bdil giet mahluqa qaghda ta' trattament diskriminatorju u kif ukoll li ma kienux gew imwiegba certu kjarifiki;

Dan it-thassib imqanqal mis-socjeta` appellanti giet meqjusa *in camera* mill-membri tal-Bord ta' Revizjoni u b'decizjoni tal-11 ta' Frar 2013, il-Bord cahad dik il-*letter of concern*, fuq ir-raguni illi, il-"*pre contractual concern was not raised prior to closing date of the tender as per definition of reg 2. Therefore letter of concern not validly submitted and therefore recommends that the adjudication process continues*";

Ghal darb'ohra, minkejja li kellha d-dritt li tappella minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, is-socjeta` appellanti ghazlet illi ma tinqedix minn dan ir-rimedju u minflok iddecidiet li titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni minghand il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex jitwaqqaf il-process tal-aggudikazzjoni tal-kuntratt. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet finali moghti fis-26 ta' Marzu 2013 cahdet din it-talba billi sabet li s-socjeta` appellanti ma kellhiex jedd *prima facie* biex titlob il-mandat ta' inibizzjoni. B'mod partikolari fl-istess digriet gie rilevat li

ma kienx sehh bdil fil-*maximum take-off weight* li ppregudika lis-socjeta` appellanti u li l-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici ma kasbrilhiex il-jedd tas-smigh xieraq fil-konsiderazzjoni tal-ittra tat-thassib taghha;

Jumejn wara d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fit-28 ta' Marzu 2013, is-socjeta` appellanti regghet ressqet ittra ohra ta' thassib quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici. Essenzjalment f'din it-tieni ittra ta' thassib, is-socjeta` appellanti tista' tghid regghet gabet 'il quddiem l-istess argumenti ta' thassib li kienu migbura fl-ewwel ittra;

Il-Bord ha konjizzjoni ta' din l-ittra ta' thassib u permezz ta' decizjoni moghtija kameralment fil-11 ta' April 2013 iddecieda li jichadha ghall-istess ragunijiet moghtija meta giet imwarrba l-ewwel ittra ta' thassib;

Din id-darba pero` wara li giet michuda din l-ittra ta' thassib, is-socjeta` appellanti ddecidiet li tirrikorri quddiem din il-Qorti permezz tal-appell in kwistjoni. B'hekk din il-procedura hija l-hames wahda (bejn il-proceduri quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici u l-Prim' Awla tal-Qorti Civili) li s-socjeta` appellanti ghamlet fi spazju ta' ftit xhur.

Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu l-interess. Dan irid ikun (a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; (b) dirett u personali: fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum); (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Formosa Gauci v. Lanfranco**, din il-Qorti elenkat il-principji li jikkwalifikaw dan l-interess:

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;

(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;

(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;

(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;

(vi) l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-motiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Fis-sentenza **Fenech Adami v. Abela et**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII.II.331) il-Qorti tal-Appell sostniet –
"*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostarna ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o volazione del diritto'. Illi … huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz tal-awtorita` gudizzjarja*".

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36.II.493), fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino v. Bellizzi et**, inghad li –
" *… … … min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile'.*"

Hekk ukoll fil-kawza **Persiano v. Il-Kummissarju tal-Pulizija noe**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar, 2001, il-Qorti qalet hekk:

"*Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha tal-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Falzon Sant Manduca v. Weale, maqtugha fid-9 ta'*

*Jannar, 1959, Kollezz: Vol: XLIII.i.11]; Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu, 1992, fil-kawza fl-ismijiet Francis Tonna v Vincent Grixti, Kollezz. Vol. LXXV1.iii.592];"*

Fuq l-iskorta ta' din il-gurisprudenza, u sentenzi ohra li jsegwu l-istess hsieb, din il-Qorti tghid li l-interess guridiku huwa essenzjalment distint mid-dritt.  Huwa propju ghalhekk li l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali, izda anki legittimu, cioe` konformi mad-dritt ta' min ikun fil-kawza.

Il Mattirolo (Vol. I. p. 50) f'dan ir-rigward ifisser li "*l'azione compete soltanto a tutela dei diritti; se l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possible; cosi` che, per istituire un guidizo, non basta che un fatto d'altri pregiudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum' se cioe` non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto".*

Il-ligi qieghdha hemm biex thares dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu.

Huwa proprju ghalhekk li jinghad li l-interess huwa l-mizura tal-azzjoni ("*Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo' essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse e' la misura delle azione ed e` il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia*" – Vol XXV.I.506).

L-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghall-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi ("**Darmenia v. Borg Olivier**", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 1966).

Kif intqal, "*Meta l-azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal rizultat utli ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*" ("***Amato Gauci et v. Zammit***"*, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fid-19 ta' Mejju 2004*).

Mill-premess, ghandu jirrizulta car li s-socjeta` appellanti jonqos fiha l-interess guridiku mehtieg biex hija tkun tista' tressaq dan l-appell. Dan qed jinghad ghax darba hija giet skwalifikata milli tikkompeti ghall-ghoti tal-kuntratt in kwistjoni, u min din l-iskwalifika hija ma appellatx quddiem din il-Qorti, l-iskwalifika taghha ghaddiet in gudikat u saret definittiva, u kwindi hija ma baqghalha ebda interess f'dan il-kuntratt. La darba s-socjeta` appellanti ma spurgatx l-iskwalifika taghha quddiem din il-Qorti, kif kellha kull jedd li taghmel, ifisser li hija llum qeghdha 'il barra mill-girja ghal dan il-kuntratt, u anke semplici dikjarazzjoni favorevoli ghaliha f'dawn il-proceduri ma tkun tista' twassal ghall-ebda ezitu, ghax tali dikjarazzjoni, f'kull kaz, m'hijiex se thassar l-iskwalifika tal-partecipazzjoni taghha mill-konkors tal-ghoti tal-kuntratt. Is-socjeta` appellanti ma hijiex izjed konkorenti fl-aggudikazzjoni ta' dan il-kuntratt, u allura ma ghandha ebda interess li tindahal fil-process meritu tal-appell. Hija giet skwalifikata b'mod assolut u legalment definittiv, u l-involviment taghha fil-process issa spicca (fil-fatt, ilu li spicca minn Jannar, 2013).

Is-socjeta` appellanti tghid, pero`, illi nonostante l-premess, hija xorta wahda tista' tressaq "*letters of concern*" (ittri ta' thassib) biex tassigura li l-process ikun wiehed gust; hi tghid li dan tista' taghmlu biex titlob "*pre-contractual remedies*". L-iskop ta' dan, kif jinghad fil-Commission Staff Working Document (u qed issir din ir-referenza peress li r-regolamenti ta' Malta huma intizi li jaghtu effett lid-direttivi tal-Unjoni Ewropea) huwa biex jigi assigurat kontroll fuq il-process ta' agudikazzjoni anke minn persuni "estranei" ghall-process. Fil-fatt jinghad f'dan id-dokument illi:
"*Pre-contractual remedies are intended to be "quick" – they aim at preventing or correcting the infringement of*

*public procurement before the contract is signed, thus allowing the contract to be awarded in line with the public procurement directives. They consist primarily of interim measures where for example, an injunction is granted, suspending the award procedure whilst the complaint is investigated.*

"*Pre-contractual remedies are the most effective remedies available in public procurement procedures – they have the potential to prevent and quickly correct infringements of the public procurement directive, before its too late (ie. before the signature of the contract). This could also encourage European businesses to tender in any member state of the European Union, by providing them with the guarantee that they could use pre-contractual remedies where their interests have been affected in public procurement procedures.*

"*To improve the efficiency of pre-contractual remedies it is necessary to make them fully available at a pre-contractual stage and to make it clear to all parties that the rules will be enforced.*"

Taht il-ligi Maltija, l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 296 tal-2010) jippermetti li jitressqu ittri ta' thassib "*minn kandidati u minn kull persuna li jkollha jew li seta' kellha xi interess li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari*", li jfisser li s-socjeta` appellanti, avolja skwalifikata, tista' tressaq ittra ta' thassib ghax hija persuna "*li seta' kellha xi interess*" fil-kaz in kwistjoni. Kif inghad, hi llum ma ghad ghandha ebda interess fl-aggudikazzjoni finali, pero`, bhala persuna li "*kellha xi interess*", setghet tintervjeni biex tara li kollox isir *rite et recte.*

Dan kien l-iskop wara l-ewwel ittra ta' thassib tas-socjeta` rikorrenti. Il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici cahad it-thassib espress mis-socjeta` rikorrenti b'decizjoni tal-11 ta' Frar, 2013. Il-Bord iddecieda illi l-ittri ta' thassib setghu biss jitressqu sa qabel id-data tal-gheluq tal-offerta. F'dan il-kaz, id-data tal-gheluq tal-offerta kienet it-30 ta' Ottubru, 2012, u l-ittra ta' thassib tressqet fis-6 ta'

Frar, 2013. Is-socjeta` rikorrenti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-ligi, izda ma ressqet ebda appell minn dik id-decizjoni. L-Artikolu 85(5) tal-imsemmija Regolamenti, kif kien dak iz-zmien (u, cioe`, qabel l-emendi recenti ghall-istess Regolamenti li saru bl-Avviz Legali 65 tal-2013), kien jistipula dritt ta' appell lil din il-Qorti (Gurisdizzjoni Inferjuri) minn "*xi decizjoni li tittiehed mill-Bord*", u dan id-dritt hu moghti lil kull min ikollu interess u jhoss ruhu aggravat b'xi decizjoni, liema appell kien jista' jitressaq fi zmien ghoxrin gurnata kurrenti mid-decizjoni finali tal-Bord – b'dan li l-appell ma kienx izomm lid-Direttur tal-Kuntratti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord. Illum, l-appell isir lil din il-Qorti (Gurisdizzjoni Superjuri) u dan l-ahhar proviso tnehha, pero`, xorta wahda l-appell irid isir fi zmien ghoxrin gurnata kurrenti mid-decizjoni li fiha d-decizjoni finali ssir pubblika. Hu ovvju li meta l-ligi tirreferi ghad-decizjoni finali, qed tirreferi, f'kull kaz, ghad-decizjoni li l-Bord jiehu fuq il-meritu li jkun tressaq quddiemu. Il-Bord ta' Revizjoni ma jiddecidix hu fuq l-aggudikazzjoni, izda jiddeciedi biss fuq it-thassib u l-ilmenti li jitressqu quddiemu, u meta l-Bord iddecieda fuq it-thassib tas-socjeta` appellanti fil-11 ta' Frar, 2013, il-Bord ta decizjoni finali fuq dak il-meritu, u l-kompetenza tieghu spiccat. Kieku appelli jkunu jistghu jsiru sa ghoxrin gurnata wara l-aggudikazzjoni finali mhux biss il-ligi kienet tghid dan b'mod car, u mhux biss ukoll anke dan l-appell huwa intempestiv, izda kien jistultifika l-iskop tal-"*pre-contractural remedies*" kif imfisser aktar qabel.

La darba l-Bord, fuq l-ittra ta' thassib tas-socjeta` rikorrenti, ta d-decizjoni tieghu fil-11 ta' Frar, 2013, l-appell kellu jsir fi zmien ghoxrin (20) jum minn dakinhar, u la dan ma sarx, dak il-punt hu issa *res judicata* ghall-partijiet.

Dan ifisser li l-interpretazzjoni li ta l-Bord tal-ligi in materja issa torbot lill-partijiet, u jaqblu jew ma jaqblux maghha l-partijiet u din il-Qorti, u ma tistax tinbidel f'dawn il-proceduri.

Decizjoni li ghaddiet '*in giudicato',* hija mizmuma bhala tajba u sewwa ghall-partijiet – '*res judicata pro veritate*

*habetur*'. Hu, ghalhekk, issa prekluz ghall-partijiet li jergghu jifthu l-kwistjoni deciza u li saret gudikat. Is-socjeta` rikorrenti tilmenta mill-fatt li d-decizjoni mill-Bord inghatat in camera u mhux fil-pubbliku. Apparti l-fatt li l-ligi ma tesigix li decizjonijiet fuq ittri ta' thassib jinghataw fil-pubbliku, dan l-ilment seta' u messu tressaq bhala appell quddiem il-Qorti kompetenti tal-procedura u fit-terminu opportun, izda dan ma sarx u allura jkompli jaghti aktar effikacja lill-gudikat f'dan il-kaz.

Darba, ghall-fini ta' dawn il-partijiet, gie deciz li l-ittri ta' thassib kellhom jitressqu sa qabel id-data tal-gheluq tal-offerta, dan il-pronunzjament sar "ligi" ghall-partijiet, u t-tieni ittra ta' thassib li tressqet ukoll wara d-data tal-gheluq tal-offerta, tressqet ukoll *fuori termine*. Jista' jkun li din it-tieni ittra ta' thassib tikkontjeni thassib differenti milli kienu elenkati fl-ewwel ittra, pero`, darba, b'nuqqas tas-socjeta` appellanti, il-bieb inghalaq darba ghal dejjem, ma jistax jerga' jinfetah. Is-socjeta` appellanti ghazlet triq li l-Bord iddecieda, b'mod definittiv, li minnha ma tistax tghaddi; issa, is-socjeta` appellanti trid terga' tipprova tghaddi mill-istess triq! Dan issa ma tistax taghmlu, mhux ghax din il-Qorti necessarjament taqbel mal-interpretazzjoni li ta l-Bord, izda ghax din il-Qorti ma tistax issa terga' tiftah il-kwistjoni li ghandha l-effett ta' *res judicata* ghall-partijiet.

Is-socjeta` rikorrenti irreferiet ukoll ghall-Artikolu 83/(10) tal-istess Regolamenti. Dan jaghti dritt ta' appell lil min darba kellu interess fil-kisba ta' xi kuntratt pubbliku meta l-offerta tasal fl-istadju finali tal-procedura tal-ghoti, izda dak id-dritt ta' appell jirreferi ghall-ilment "*taht din it-Taqsima*", u cioe`, it-Taqsima XII li titkellem fuq il-htiega li l-offerti jkunu maghmulin f'pakketti separati. Dan l-appell mhux marbut ma' din il-htiega.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-avukat dottor Kenneth Grima nomine billi tichad l-istess, u tikkonferma d-decizjonijiet appellati tal-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-appellant nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------